**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 13 ta' Frar 2019**

**Talba Nru: 285/18 CZ**

**Kim Fenech**

**vs**

**Hmoud Hussam Rakban**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici mressqa fil-21 t'Awwissu 2018 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' disa' mitt Euro (€900) flimkien ma' l-imghax legali rapprezentanti manteniment dovut ghall-minuri iben il-partijiet ai termini ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 13 ta' Frar 2018.

Bl-imghax mid-data tat-30 t'Ottubru 2017.

Bl-ispejjez kolloha inkluz dawk extra gudizzjarji u gudizzjari u tal-mandat kawtelatorju.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta, ghalkemm deher quddiem it-Tribunal assistit.

Sema' x-xiehda ta' l-attrici, li kkonfermat li l-ammont reklamat minnha ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenut.

Ra li l-kawza giet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti, fosthom id-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-13 ta' Frar 2018;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta' rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' disa' mitt Euro (€900) flimkien ma' l-imghax legali rapprezentanti manteniment dovut ghall-minuri iben il-partijiet ai termini ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 13 ta' Frar 2018.

2. Illi l-attrici kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont reklamat minnha ghadu dovut fl-intier.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

3. Fil-kaz odjern, il-konvenut gie debitament notifikat u ma ressaqx risposta fit-terminu preskritt mill-ligi.

4. Jirrizulta li t-talba tal-attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnha ma ghandux mis-sewwa.

5. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attrici huwa dovut mill-konvenut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' disa' mitt Euro (€900), bl-imghaxijiet minn kull data li fiha sar dovut il-manteniment in kwestjoni. L-ispejjez kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur